MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru 456/2011

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Joseph Barbara

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta’ numru tal-karta ta’ l-identita’ 36291M akkuzat talli nhar l-14 ta’ Novembru 2011 u f’dawn l-ahhar xahrejn F’Hal Tarxien, Rahal Gdid u f’dawn il-Gzejjer f’diversi lokalitajiet:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma’ kellu licenzja mill- President ta’ Malta, u minghajr ma’ kien

awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma'kien fil-pussess ta'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma' kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939),kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina specifkata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvernskond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmijja fil-pusses tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (gn.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. kiser il-kundizzjonijiet moghtija illu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D) ta' nhar l-1 ta'Novembru 2011.

4. ukoll talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat, Dr. A. Demicoli b'digriet datat 21 ta' Novembru 2008 u ta' digriet iehor mill-Qorti Kriminali Onor Dr. Michael Mallia LL.D nhar is- 6 ta' April 2011, u li permezz taghhom l-istess

Joseph Barbara nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Il-Qorti hija wkoll genitlment mitluba sabiex f'kas ta' htija flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat imsemmi, tirrevoka 'contrario imperio'd-digrieti tal-helsien mill- arrest datati 21 ta' Novembru 2008 u s- 6 ta' April 2011 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Joseph Barbara. Kif ukoll, tordna li s-somom ta' 3,500 ewro u 5,000 ewro bhala garanziji personali, li gew imposti fuqu sabiex taghmel fuqu sabiex taghmel tajjeb ghall-beneficcju tal- helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba li f'kas ta' htija barra milli tappilka l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li nghata zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati.

Rat l-Artikolu 22 (2) (b) tal-Kap 101 u 579 (1) (2) u 17 (b) tal-Kap 9.

Tikkundanah hamsa u ghoxrin xahar prigunerija u multa ta' € 466.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------